**(ii) L-immaniġġjar tar-riżervi**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta hu responsabbli biex iżomm u jimmaniġġja r-riżervi uffiċjali tal-pajjiż li jikkonsisti minn portafoll ta' assi finanzjarji barranin u lokali. Skond l-Artikolu 127(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawn ir-riżervi, flimkien ma' dawk tal-banek ċentrali nazzjonali l-oħra u r-riżervi uffiċjali tal-Bank Ċentrali Ewropew, jagħmlu parti mir-riżervi ta' l-Eurosistema.

Il-Kumitat tal-Bank għall-Politika ta' l-Investimenti (IPC) huwa responsabbli biex ifassal l-istrateġija ta' l-investimenti tal-Bank kif ukoll biex isegwi l-andament tal-portafoll ta' l-investimenti. Qabel l-adozzjoni ta' l-euro, iż-żamma tar-riżervi kienet prinċipalment isservi biex jiġi mħares il-valur tal-munita domestika u biex tiġi sostnuta r-rata tal-kambju fissa. Għalhekk, l-għan ewlieni ta' l-immaniġġjar tar-riżervi kien biex jiġi żgurat likwidità biżżejjed u biex jiġi protett il-valur ta' l-investimenti. Wara s-sħubija tal-Bank fl-Eurosistema, l-għan prinċipali ta' l-investimenti tal-Bank hu biex isir l-aktar qligħ possibbli filwaqt li jiġi żgurat il-valur u l-likwidità tal-portafoll ta' l-investimenti skond parametri approvati mill-Bord u mill-IPC.

Il-Bank, flimkien ma' membru ieħor ta' l-Eurosistema,  jimmaniġġja portafoll ta' riżervi barranin f'isem il-Bank Ċentrali Ewropew.